**19 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S. - Agent President**

Carmelo Farrugia, Francesca D'Amato, Rosario Farrugia, Mark Farrugia, Anna D'Agostino, u b'digriet tat-28 ta' Marzu, 1994, l-atti ġew trasfużi f'isem Paul, Catherine, Francis u Anna mart Alfred Farrugia, lkoll aħwa Farrugia, minflok Carmelo Farrugia li miet fil-mori tal-kawża

*versus*

Carmela Camilleri, Carmelo Camilleri, John Bartolo u
Maria Rosaria Bartolo

**Qbiela - Kompetenza - Tribunal Speċjali Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' - Membru ta' Familja Definizzjoni ta' - Kap. 199 - Artikolu 2 ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi l-konvenuti ma kinux "membri tal-familja" skond it-tifsir ta' l-artikolu 2 tal-Kap. 199. Mal-mewt ta' l-uniku kerrej, il-qbiela intemmet u ma kienx hemm kwistjoni ta' rilokazzjoni taċita, awtomatika jew* causa mortis. *Ġie għalhekk ordnat l-iżgumbrament għaliex il-konvenuti ma kellhomx titolu skond il-liġi.*

Il-Qorti:-

B'avviż ippreżentat fl-10 ta' Ġunju, 1993 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atturi talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jiżgumbraw mill-għalqa msejħa ta' l-Għanslija, kontrada ta' Bengħajsa, limiti taż-Żurrieq, li allegatament kienu qed jokkupaw mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

Illi l-avviż ġie nnotifikat lill-konvenuti li b'nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-23 ta' Ġunju, 1993 huma eċċepew illi: (a) qabel xejn l-atturi għandhom jippreċiżaw b'*site plan* il-konfini u l-entità ta' l-għalqa li qed jirreklamaw għax id-deskrizzjoni ta' l-istess għalqa fl-avviż hija fqira ħafna; (b) preliminarjament ukoll, l-atturi għandhom jiippruvaw b'dokumenti li huma u ħadd ħliefhom, il-proprjetarji ta' l-għalqa in kwistjoni; u (ċ) bla preġudizzju għall-premess it-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom stante li l-eċċipjenti qed jokkupaw l-għalqa ta' l-Għanslija bi qbiela; jsegwi għalhekk li dina l-Qorti hija inkompetenti *ratione materiae* li tieħu konjizzjoni ta' dina

l-kawża;

Illi waqt it-trattazzjoni tal-kawża ġew proċeduralment eżawriti l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet billi l-atturi esibew is-*site plan* u l-prova tat-titolu tagħhom u baqa' għalhekk biss it-tielet eċċezzjoni;

B'sentenza ta' l-10 ta' Settembru, 1996, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u peress illi t-talba tidher ġustifikata tilqagħha u tordna l-iżgumbrament mill-għalqa msemmija fi żmien tliet xhur u minħabba n-natura tal-kawża l-ispejjeż jitħallsu kwantu għal 2/3 mill-konvenuti u kwantu għal 1/3 mill-atturi;

Illi l-konvenuti ħassu ruħhom aggravati minn dina s-sentenza u permezz tal-preżenti interponew appell għal quddiem dina l-Qorti;

Illi l-aggravji jikkonsistu filli l-Ewwel Qorti naqset li tagħmel apprezzament tajjeb u korrett tal-punti tad-dritt u kif ukoll tal-fatti li rriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża għax li kieku għamlet hekk kien effettivament jirriżulta illi hija ma kellhiex kompetenza *ratione materiae* li tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża għax malli l-Qorti rriżultalha li l-qbiela ta' l-għalqa in kwistjoni għaddiet bil-liġi fuq il-konvenuti esponenti Carmela Camilleri, Carmelo Camilleri, u Maria Rosaria Bartolo kemm għax l-ewwel tnejn kienu jgħixu ma' missierhom u kemm għax it-tlieta li huma bħala werrieta ta' missierhom Karmnu Camilleri wirtu ukoll il-qbiela ta' l-imsemmija għalqa ma setax jingħad aktar li l-imsemmija tliet konvenuti kienu qed jiddetjenu l-għalqa mingħajr titolu;

Illi mill-provi mressqa ġie stabbilit kif oriġinat il-qbiela ta'

l-għalqa. Fil-fatt irriżulta illi r-raba' kien ħafna snin ilu mqabbel minn Franġisku Caruana, l-awtur ta' l-atturi appellati lil Karmnu Camilleri, l-awtur tal-konvenuti appellanti, bil-qbiela ta' Lm5 fis-sena u dan kien baqa' jaħdimha sakemm miet fis-sena 1968 (ara ukoll il-ktieb tar-riċevuti dok. CCI). Mhu veru xejn għalhekk dak li xehdet l-attriċi Franġiska D'Amato li l-qbiela kienet ingħatat minn Franġisku Caruana, iz-ziju ta' l-atturi lil Giuseppi Camilleri, ħu l-konvenuti, tant li l-ktieb tar-riċevuti jgiddibha. Irriżulta għalhekk bla ebda ombra ta' dubbju minn dan il-ktieb tal-qbiel illi l-ewwel qbiela kienet a favur ta' Karmnu Camilleri;

Illi l-kwistjoni hija impernjata dwar fuq min għaddiet il-qbiela mal-mewt ta' Karmnu Camilleri li miet fis-sena 1968, u s-soluzzjoni tinsab fl-interpretazzjoni li l-Liġi tal-Qbiela (l-Att XVI ta' l-1967, Kap. 199) tagħti lill-kelma "Kerrej". Fil-fatt, l-artikolu 2 ta' l-imsemmija liġi tinterpreta l-kerrej bħala li "tinkludi kull membru tal-familja li jkun ċessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bħal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jgħix mal-kerrej jew kien qed jaħdem ir-raba' miegħu jew għalih jew ikun il-werriet tal-kerrej ...";

Illi Karmnu Camilleri li kien joqgħod 27, Triq ta' Ranzija, Bengħajsa, limiti ta' Birżebbuġa, kellu erbat itfal, u ċjoè Joseph Camilleri (li miet fl-1990 qabel inbdiet il-kawża), Carmela Camilleri, Carmelo Camilleri u Maria Rosaria Bartolo (dawn l-aħħar tlieta huma tlieta mill-konvenuti). Minn dawn l-erbat itfal Joseph, Carmela u Carmelo ma kinux miżżewġin u kienu jgħixu fid-dar ta' missierhom 27, Triq ta' Ranzija, Bengħajsa, l/t Birżebbuġa. L-esponenti Carmela u Carmelo aħwa Camilleri għadhom jgħixu hemmhekk tant li hemm ukoll ġew notifikati b'dawn il-proċeduri filwaqt li Maria Rosaria Bartolo kienet iżżewġet u marret toqgħod Ħal Luqa;

Illi mal-mewt ta' Karmnu Camilleri l-għalqa in kwistjoni għaddiet f'idejn Joseph Camilleri, Carmela Camilleri u Carmelo Camilleri flimkien, li fil-fatt kienu għalhekk it-tlett ulied ta' Karmnu li kienu jgħixu ma' missierhom, u t-tlieta issa bdew jgħinu fir-raba', u t-tliet bew iħallsu u jikkontribwixxu għall-qbiela minn borma waħda għal familja waħda. Dan qalitu in kontro-eżami Carmela Camilleri (ara x-xhieda tagħha ta' l-4 ta' Lulju, 1994) u addirittura rriżulta ukoll mix-xhieda ta' l-istess atturi meta tellgħu lill-konvenuta Carmela Camilleri in subizzjoni (ara seduta ta' l-10 ta' Novembru, 1994) li xehdet li meta missierha kien għadu ħaj kien jaħdem l-għalqa hu, u meta miet missierha kienu jaħdmuha t-tlett aħwa msemmija ċjoè Joseph, Carmela u Carmelo Camilleri (apparti li in segwitu beda jiġi jgħin ukoll John Bartolo, it-tifel tal-konvenuta Maria Rosaria Bartolo). Naturalment, wara li miet missierhom it-tlett aħwa bħala familja waħda riedu jaħsbu għal rashom biex jgħixu in parti mill-prodott ta' dan ir-raba'. Fil-fatt, Carmela Camilleri xehdet li "l-art aħna konna naħdmuha, dejjem żrajniha, minn kollox, qamħ, xgħir u l-prodott konna nżommuh għalina u ż-żejjed nbigħuh";

Illi għalhekk meta l-liġi tinkludi fit-tifsira ta' kerrej wara l-mewt tiegħu dawk il-membri tal-familja (interpretata mill-Att XVI ta' l-1967 bħala axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, eċċ "... li matul l-aħħar sena qabel il-mewt tal-kerrej kien jgħix mal-kerrej ..." tkun qed tagħti l-protezzjoni meħtieġa biex b'hekk il-kerrejja wara l-mewt ta' missierhom Karmnu saru, fin-nuqqas ta' ċessjonarju kif titlob il-liġi, l-aħwa Camilleri Joseph, Carmela u Carmelo flimkien. Minn dakinhar miet Joseph Camilleri u għalhekk il-kerrejja baqgħu tnejn: Carmela u Carmelo aħwa Camilleri;

Illi f'dan il-każ il-protezzjoni tal-liġi ma tiqafx hawn għax l-istess tifsira tal-kelma "kerrej" tinkludi ukoll, apparti tifsiriet oħra, wara l-mewt tal-kerrej il-membri tal-familja li jkun il-

werrieta tal-kerrej. U b'hekk f'dan il-każ il-werrieta *ab intestato*, kif irriżulta mir-riċerki, testmenti u dikjarazzjoni (ara dok. XX1, XX2, XX3 u XX7 esebiti b'nota tal-5 ta' Settembru, 1994) huma flimkien l-erba' aħwa Camilleri Joseph, Carmela, Carmelo u Maria Rosaria. Kif ġà nghad, minn dakinhar li miet Joseph u għalhekk kull ma ġara huwa li naqas wieħed mill-kerrejja;

Illi dan kollu jfisser illi malli lill-Ewwel Qorti rriżultalha, u kif jidher mis-sentenza appellata, din il-Qorti waslet għaliha, li l-konvenuti appellati Carmela u Carmelo Camilleri kienu jgħixu ma' missierhom Karmnu Camilleri, u l-istess Carmela u Carmelo Camilleri, u kif ukoll oħthom Maria Rosaria Bartolo bħala werrieta ta' missierhom wirtu ukoll il-qbiela ta' l-għalqa *de quo* li kien jikri mingħand l-atturi ma setax jingħad aktar li dawn il-konvenuti kienu qed jiddettjenu l-għalqa mingħajr titolu. Fil-kawża fl-ismijiet **Abela *vs* Brown** (deċiża Appell Inferjuri 20 ta' Jannar, 1993) intqal li f'tali każijiet, meta persuna tiret kirja, huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li għandu jieħu konjizzjoni tal-każijiet bħal dawn għax "għalkemm il-Qrati ordinarji huma kompetenti li jieħdu konjizzjoni ta' kwistjonijiet jekk l-inkwilin għandux titolu jew le biex jiddetjeni l-fond, imma la darba jiġi stabbilit li titolu jeżisti għalkemm jista' jiġi terminat, dik it-terminazzjoni tista' tiġi biss deċiża mill-Bord li Jirregola l-Kera". Dan ukoll reġa' ġie kkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-kawża fl-ismijiet **Abela *vs* Brown**, deċiża fit-30 ta' April, 1996;

Illi anke fil-kawża fl-ismijiet **Thomas Cauchi *et vs* Lawrence Caruana**, (deċiża 29 ta' Marzu, 1996), il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri kienet ta' l-istess insenjament u rriteniet hekk:

"L-eredi ... msejħa biex jirtu ... kirjiet huma ċertament intitolati li jkomplu jgawduha sakemm jiddekorri almenu l-

perijodu tar-rilokazzjoni fil-kirja in korso. U sa dak iż-żmien, allura, huma ċertament għandhom u qed jokkupaw il-fondi b'titolu validu. Anke sa hawn allura ma jistax jingħad illi fil-mument tal-mewt, l-eredi kienu qed jokkupaw kemm il-mezzanin, kif ukoll ir-raba', abbużivament. Hu fil-mument meta jintemm il-perijodu tar-rilokazzjoni in korso illi s-sid għandu kull dritt li jibbenefika mill-jedd għar-rilokazzjoni awtomatika in kwantu ma jkunux jokkorru u applikaw għalih l-elementi rekwiżiti mil-liġijiet speċjali in materja, li jintitolawh li hekk jagħmel. F'dak l-istadju hu paċifiku li mhumiex il-Qrati *ordinarji imma t-tribunali speċjali li jirregolaw il-kiri, kemm il-*fondi urbani, kif ukoll dawk rustiċi li għandhom il-kompetenza esklussiva li jiddeterminaw jekk il-konnvenut kellux jew le id-dritt għar-rilokazzjoni li tintitolah li jibqa' jokkupa l-fond";

Illi dak li ġara wara meta miet Karmnu Camilleri u li wassal għall-fatt li Joseph Camilleri, iben Karmnu, beda jmur iħallas il-qbiela hu naturalment fl-interess tiegħu u fl-interess ta' ħutu u r-riċevuta toħroġ fuq ismu biss huwa strettament irrilevanti għall-kwistjoni. Dan għar-raġuni li dan ma jistax jannulla l-istat ta' fatt preċedenti li bis-saħħa tal-liġi l-qbiela għaddiet fuq l-aħwa kollha. Għalhekk imbilli r-riċevuta kienet toħroġ fuq Joseph Camilleri biss ma jfissirx li kien hu l-uniku kerrej għax hija l-liġi li tiddetta min huma l-kerrejja u mhux min iħallas il-kera jew fuq min tinħareġ ir-riċevuta. L-Ewwel Qorti donnha tidher li tirrikonoxxi dan tant li tgħid li: "l-aħwa l-oħra, konvenuti f'din il-kawża, kellhom dritt ...". *Inspjegabbilment* però l-Ewwel Qorti tgħid li dan id-dritt li kellhom ma użawhx! Indubbjament id-dritt tal-qbiela għadda fuq l-aħwa kollha mal-mewt ta' missierhom, qatt ma rrinunzjaw għalih u komplew jaħdmu l-għalqa huma kif fuq ingħad. U mhux talli l-aħwa qatt ma rrinunzjaw għall-qbiela talli meta miet ħuhom Joseph u s-sidien ma aċċettawx aktar qbiela, l-istess bdiet tiġi ddepożitata l-Qorti kif irriżulta mill-provi mressqa u kif għadhom jagħmlu hekk sal-lum. L-esponenti qed jippreżentaw bħala (dok. CD) l-

aħħar ċedola ta' depożitu, ippreżentata l-Qorti għall-iskadenza tal-15 ta' Awissu, 1996;

Illi fil-fatt, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Baldacchino** ***vs*** **Charles Mifsud** ***et***, deċiża fis-7 ta' Marzu, 1984, (Appell Inferjuri, per Onor. Imħallef V. Borg Costanzi) ġie deċiż illi l-lokazzjoni ta' fond mikri minn Charles Mifsud, li għà kellu daru, a favur ta' missieru li ma missierhom kienu jgħixu tlett ibniet xebbiet, għaddiet fuq it-tlett ibniet xebbiet mal-mewt ta' missierhom. Il-fatt li l-kera kienet titħallas minn Charles Mifsud u r-riċevuta toħroġ fuq ismu meta dan għà kellu daru sa minn qabel il-bidu tal-kirja u qatt ma mar joqgħod fil-fond *de quo* ma naqqset xejn mid-drittijiet tal-vera inkwilini. Ir-riċevuta li kienet toħroġ kienet sempliċement prova tal-ħlas għax il-fatti urew mod ieħor. Isegwi illi anke f'dan il-każ il-fatt li r-riċevuta ġiet irrilaxxjata a favur ta' Joseph Camilleri biss ma jfissirx li huwa kien l-uniku kerrej għax il-kerrejja tistipulahom il-liġi kif għà intqal. Ir-riċevuti rrilaxxjati huma sempliċement il-prova tal-ħlas;

Illi konsegwentement irriżulta bl-aktar mod ċar illi l-qbiela oriġinarjament kienet issejjaħ lil Karmnu Camilleri, u wara l-mewt ta' dan għaddiet fuq l-erba' uliedu flimkien, u filwaqt li l-aħwa Joseph, Carmela u Carmelo Camilleri kellhom protezzjoni duppliċi skond il-Kapitolu 199, fis-sens illi kienu joqogħdu flimkien ma' missierhom u kienu l-eredi tiegħu ukoll, min-naħa l-oħra t-tifla l-oħra Maria Rosaria wirtitu biss. B'hekk isegwi, anke fuq l-iskorta tad-deċiżjonijiet l-aktar reċenti li dawn il-Qrati, illi mhumiex il-Qrati ordinarji iżda t-tribunali speċjali li għandhom il-kompetenza esklussiva f'każijiet bħal dawn;

Għaldaqstant il-konvenuti appellanti filwaqt li jagħmlu referenza għall-provi għà prodotti fosthom id-dok. CD anness ma' dan ir-rikors u jirriservaw li jressqu dawk il-provi l-oħra

kollha lilhom permessi skond il-liġi, jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża fl-ismijiet premessi deċiża fl-10 ta' Settembru, 1996, billi tiġi riġettata t-talba ta' l-atturi u tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti rigward l-inkompetenza *ratione materiae* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

L-appellati wieġbu hekk:

Illi s-sentenza appellata ta' l-10 ta' Settembru, 1996 għandha tiġi kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Illi a skans ta' ripetizzjonijiet inutili tar-raġunijiet l-għaliex dan *l-appell* għandu *jiġi* miċħud, *l-appellanti* jagħmlu refrenza għan-nota ta' osservazzjonijiet dettaljata u eżawrjenti li huma kienu ssottomettew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u li permezz tagħha huma għamlu elenku dettaljat tal-fatti kollha tal-każ kif ukoll apprezzament legali tal-kwistjoni in diżamina;

Illi kif ser ikollha opportunità tikkonstata din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u r-rikors ta' l-appell la huwa preċiż fattwalment u kwindi lanqas l-apprezzament tiegħu legali u dan l-esponenti ser ikollhom l-opportunità jispjegawh aħjar fit-trattazzjoni orali ta' l-appell;

Għaldaqstant l-appellati talbu li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti konvenuti;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Skond l-appellant l-Ewwel Qorti li tat is-sentenza ma kellhiex il-kompetenza *ratione materiae* li tagħmel dan billi l-istess kompetenza kienet investita fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' u mhux il-Qorti tal-Maġistrati. Ir-raġuni mogħtija mill-intimati appellanti hija msejsa fuq argument ta' fatt u ċjoè:

"għax malli l-Qorti rriżultalha li l-qbiela ta' l-għalqa in kwistjoni għaddiet bil-liġi fuq il-konvenuti esponenti Carmela Camilleri, Carmelo Camilleri, u Maria Rosaria Bartolo kemm għax l-ewwel tnejn kienu jgħixu ma' missierhom u kemm għax it-tlieta li huma bħala werrieta ta' missierhom Karmnu Camilleri wirtu ukoll il-qbiela ta' l-imsemmija għalqa ma setax jingħad aktar li l-imsemmija tliet konvenuti kienu qed jiddetjenu l-għalqa mingħajr titolu";

Il-Qorti taqbel li għas-soluzzjoni ta' dan il-punt il-fatti emerġenti mill-provi prodotti huma importanti ħafna u determinanti ukoll;

L-appellanti għamlu enfasi fuq interpretazzjoni korretta ta' l-artikolu 2 tal-Kap. 199 dwar biex juri li fil-mument li miet il-kerrej (l-inkwilin) issubentraw għalih huma, jiġifieri l-appellanti;

Il-kwistjoni kollha hija jekk effettivament l-appellanti jistgħux jitqiesu bħala li huma *members of the family of tenant* jew inkella le. Jekk b'xi mod huma u illi hawnhekk il-qbiela ċertament ma jirreferux għall-perijodu oriġinali imma dak rilokatizzju, allura f'dak il-każ ikun il-Bord jew it-tribunal speċjali li jkollu kompetenza u mhux il-qrati ordinarji - almenu fl-ewwel istanza;

Illi minn eżami akkurat tal-provi prodotti u minn dak li jingħad fis-sentenza appellata għandu joħroġ biċ-ċar li l-Ewwel

Qorti debitament investiet dan il-punt legali dibattut f'dana l-appell billi qalet li kollox jiddependi fuq dak li seħħ eżatt mal-mewt ta' Karmnu Camilleri, il-gabillott oriġinali, li kellu erbat (4) itfal u ċjoè Joseph, Carmela, Carmelo, Maria Rosaria Bartolo, aħwa Camilleri. Jirriżulta li l-ewwel wieħed imsemmi, jiġifieri Joseph Camilleri, miet fis-sena 1990. Jirriżulta ukoll li l-kawża odjerna ġiet istitwita allura mit-tliet ħutu l-oħra. L-Ewwel Qorti kkostant li ġej:

"Issa fl-1968 mal-mewt ta' Karmnu Camilleri r-riċevuti li qabel kienu jsiru minn Franġisku Caruana (u ffirmati minn Vella) favur Karmnu Camilleri bdew isiru favur Joseph Camilleri (ara riċevuti a fol. 26 sa 29) bejn l-1969 u l-1980. Mill-1982 beda jsir ħlas ta' kwart u ċjoè ta' Lm1.25c lil Kalanġ Farrugia u l-istess lil Karmenu Farrugia u Francesca D'Amato;

Ir-riċevuti kollha huma fuq Joseph Camilleri u xejn fuq l-oħrajn. Meta xehdu l-oħrajn ġieli qalu li l-kirja waqgħet fuqu u ġieli fuq kulħadd, iżda l-provi jwasslu li l-kirja fil-fatt waqgħet fuq Joseph Camilleri għalkemm l-aħwa l-oħra, konvenuti f'din il-kawża kellhom dritt li ma użawhx (sottolinear tal-Qorti);

Minn dawn l-osservazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti l-konklużjoni ovvja hija li l-uniku kerrej skond il-liġi wara l-mewt ta' Karmnu Camilleri kien ibnu Joseph - dejjem għall-finijiet ta' l-artikolu 2 tal-Kap. 199. Issa dan Joseph Camilleri ukoll miet u dan fl-1990 u wara mewtu ma sarux riċevuti aktar. Provi li l-kirja ddevolviet fuq il-konvenuti ħutu l-oħra - appellanti odjerni - lanqas ma tirriżulta. Dan ifisser li mal-mewt ta' Joseph Camilleri - l-uniku kerrej - il-qbiela ntemmet u għalhekk non si trattava aktar ta' rilokazzjoni taċita, awtomatika jew *causa mortis*. Dan huwa hekk għax kif ġustament irriteniet l-Ewwel Qorti:

"Il-konvenuti (appellanti) mhumiex membri tal-familja skond it-tifsir mogħti fl-artikolu 2 tal-Kap. 199";

Il-Qorti issa ma taqbilx ma' dak li ġie asserit mill-appellanti li l-fatt li r-riċevuti kienu jinħarġu biss fuq isem ħuhom Joseph Camilleri dan ma kellu ebda portata legali. Il-fatt invece juri li l-uniku werriet li deher interessat li jkompli bil-qbiela kien proprju dan Joseph Camilleri u kien għalhekk li l-kirja jew qbiela daret fuqu biss. Meta dan miet waqfu l-ħlasijiet, il-kirja ntemmet u kien aktar tard li l-konvenuti appellanti bdew jippretendu li bħala werrieta ta' misierhom huma kienu ko-inkwilini. L-aktar, jekk mhux l-unika xhieda ta' valur, min-naħa ta' l-appellanti konvenuti kienet dik ta' Carmela Camilleri, waħda mill-appellanti. Huwa diġà stramb kif l-appellanti ħutha l-oħra, Carmelo u Maria Rosaria, aħwa Camilleri, ma xehdux biex jikkorroborawha - għalkemm legalment kellhom tali dritt, jiġifieri li ma jixhdux. Ċertament però huma kienu f'qagħda li jixħtu aktar dawl fuq l-istat ta' fatt dwar il-qbiela. Hu minnu li fix-xhieda tagħha Carmela Camilleri xehdet fis-sens li hija ġieli ħadmet fir-raba' ma' ħuha Joseph però hu veru ukoll li in kontro-eżami hija tgħid li meta miet missierhom (i.e. Karmnu Camilleri) "l-għalqa waqgħet f'idejh" b'referenza għal ħuha Joseph (ara xhieda ta' l-4 ta' Lulju, 1994, a fol. 39). Kien biss in kontro-eżami ukoll li l-istess appellanti Carmelo Camilleri kkonferma li kellha *part time job*, ġimgħa iva u ġimgħa le bħala gwida *għat-turisti billi taħdem mill-10 sal-5 p.m.* - liema impjieg ilha fih 17 il-sena. L-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti jidher fiċ-ċirkostanzi ġust u korrett. La l-kirja m'għaddietx fuq l-aħwa l-oħra superstiti tal-mejjet ħuhom Joseph - allura l-Ewwel Qorti kienet kompetenti *ratione materiae* li tieħu konjizzjoni u tiddeċidi l-kawża u dak li ġie ritenut minnha li l-appellanti konvenuti ma kellhom titolu ta' xejn fuq ir-raba' *de quo* kien korrett;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata u mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-10 ta' Settembru, 1996 u tiċħad l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione materiae* ssollevata mill-konvenuti appellanti, tiċħad l-appell interpost mill-konvenuti u tipprefiġġihom it-terminu ta' tliet (3) xhur mil-lum għall-fini ta' żgumbrament. Kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, dak ta' l-ewwel deċiżjoni jibqa' kif deċiż fl-ewwel istanza; dak relattiv għal dan l-appell ikun a kariku tal-konvenuti appellanti.